MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 3019/2002

**SMS Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti tas-socjeta' estera Ecclesiastical Insurance Office Plc, surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Cossai u l-istess Joseph Cossai**

**Vs**

**Francis Cutajar**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba pprezentat mill-atturi li permezz tieghu talbu li l-konvenut ihallas is-somma ta' hames mija u hamsa u sittin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm565.61c) rapprezentanti danni subiti f'incident awtomobilistiku li sehh fin-Naxxar fit-3 ta' Lulju 2001 meta l-konvenut kien qieghed isuq vettura FAV 351 habat mal-vettura COS 800 misjuqa minn Jolynn Cossai liema ncident il-konvenut kien unikament responsabbli

minhabba mprudenza, mperizja, negligenza w inosservanza tar-regolamenti.

Illi l-konvenut ikkontesta t-talba peress illi l-incident ma sehhx tort tieghu.

Sema’ x-xhieda moghtija mill-konvenut u ra n-notamenti tax-xhieda ta’ Jolynn Cossai.

Ra d-dokumenti esebiti u li fis-seduta tas-27 t’April 2004 l-atturi rriducew it-talba mitluba ghas-somma ta’ tlett mija u sitta u hamsin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm356.41c) u li b’rizultat t’hekk il-konvenut ma kkontestax il-*quantum*.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li sehhet fi Triq il-Fortizza tal-Mosta, Naxxar cjoe’ f’dik it-triq il-wiesgha li tghaddi mit-tela’ t’Alla w Ommu ghall-Mosta. L-konvenut kien qieghed isuq *six wheeler truck left hand drive* mghobbi, kien tiela’ t-tela’ t’Alla w Ommu u kiser ghal Triq il-Fortizza tal-Mosta u kien ghaddej minnha.

Il-karozza misjuqa minn Cossai kienet giet minn warajh, qabzitu w intentat biex tidhol gewwa *side road to the left*.

Cossai ssostni li hija kienet gja’ qabzet il-vettura misjuqa mill-konvenut u kienet bdiet diehla gewwa s-*side road* meta l-vettura misjuqa mill-konvenut laqtitha fuq ix-xewka ta’ wara u dawritha.

Il-konvenut ighid li fil-fatt il-konvenuta qabzitu u qasmet quddiemu ghall-gharrieda biex tidhol ghal gewwa s-*side road* u b’hekk kienet hi li qatghetlu triqtu.

It-Tribunal jidhirlu li huwa proprju l-konvenut li huwa unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni u li x-xhieda tieghu fiha nkonsistenzi li jimmilitaw kontra tieghu.

Minn ezami ta’ l-i*skitz* redatt mill-pulizija wara li sehh l-incident jirrizulta li l-vettura misjuqa minn Cossai spiccat

gewwa s-*side road* pero' b'rizultat ta' l-impatt kienet daret 90$^{o}$ fis-sens li flok thares 'il gewwa giet thares lejn il-bini. L-hsara fuq il-vettura ta' Cossai saret fuq ix-xewka ta' wara fuq in-naha tax-xellug. Fir-rigward tal-vettura misjuqa mill-konvenut, skond l-istess konvenut, din il-vettura kellha hsara fuq il-*bumper* ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug.

Dan ghalhekk ifisser illi l-impatt bejn iz-zewg vetturi sar bejn ix-xewka ta' wara tax-xellug tal-vettura ta' Cossai max-xewka ta' quddiem tal-vettura misjuqa mill-konvenut. Biex il-vetturi habtu b'dan il-mod u biex il-vetturi spiccaw kif spiccaw ifisser illi fil-mument ta' l-impatt il-vettura misjuqa minn Cossai kienet kwazi dahlet gewwa s-*side road* u kienet qed tipponta ghal gewwa l-istess *side road* u kien f'dak il-mument li sar l-impatt.

Jekk wiehed jezamina r-ritratti esebiti a fol 35 tal-process, wiehed anke jista' jinnota l-brix li hemm fuq il-parti ta' wara tal-*bumper* ta' Cossai lil hinn mill-ghafsa tad-daqqa. Dan ifisser illi mad-daqqa kien hemm ftit ta' moviment ukoll fuq dan il-*bumper* u li l-vettura misjuqa mill-konvenut laqtghet il-karozza ta' Cossai u tkaxkret xi pied mal-parti ta' wara tal-bumper ta' l-istess vettura ta' Cossai.

Anke l-pozizzjoni ta' kif spiccat il-vettura tal-konvenut u l-pozizzjoni tal-*brake marks* indikati fuq l-i*skitz* jimmilitaw kontra t-tezi tal-konvenut u jiffavorixxu t-tezi ta' l-attrici li juru proprju anzi li l-vettura ta' l-attrici kienet gja' qabzet u kienet quddiem il-vettura tal-konvenut.

Il-konvenut bhala sewwieq li suppost qieghed izomm *proper lookout* ta' dak li qieghed jigri quddiemu, lanqas biss induna li kien hemm karozza quddiemu li qed tidhol gewwa *side road* u meta nduna b'din il-vettura kien tard wisq u l-probabbilta' hija anzi li huwa nduna bil-vettura ta' l-attrici wara li saret il-habta u mhux qabel u dan huwa anke rifless mill-istess *brake marks*.

Ghar-rigward tal-*quantum* m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna l-konvenut ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett mija u sitta u hamsin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm356.41c) bl-ispejjez kif mitluba u bl-interessi mill-1 t'April 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------